MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 45/2009/1

**Mario Portelli**

**v.**

**Alexandra Portelli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Bejn il-kontendenti hemm pendenti proceduri ta’ separazzjoni istitwiti mill-appellat Mario Portelli li, apparti talba ta’ separazzjoni personali, talab ukoll li l-Qorti

tipprovdi kif kontenut fir-rikors promotur intavolat fis-6 ta' Frar, 2009 (Fol 1 tal-process).

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe` fis-17 ta' Frar, 2010, il-konvenuta intavolat rikors[1] fejn talbet li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili tiffissa retta alimentarja ghaliha fis-somma ta' €600 kull erba' gimghat, kif ukoll retta alimentarja ta' €400 kull erba` gimghat ghal kull wiehed miz-zewgt itfal minuri.

L-ewwel Qorti pprovdiet fuq dan ir-rikors b'digriet tad-9 ta' April, 2010 [2] billi ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma mensili ta' €250 manteniment ghal kull wild minuri u sakemm dawn ikunu ghadhom taht l-eta; u li jhallas is-somma ulterjuri ta' €200 fix-xahar lill-istess konvenuta bhala manteniment ghaliha.

Il-konvenuta hassitha aggravata b'dan id-digriet u ghalhekk, b'rikors iehor intavolat fit-23 ta' April, 2010[3] talbet li dik il-Qorti " *tvarja u timmodifika d-Digriet taghha tad-9 ta' April, 2010 fis-sens illi l-intimata/konvenuta* ***Alexandra Portelli*** *tibda tithallas bhala manteniment ghaliha personalment u f'dan l-istadju l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) kull erba' gimghat …..*" Talbet ukoll li jigi konfermat il-manteniment koncess lill-ulied bid-digriet fuq imsemmi. Dan ir-rikors gie degretat erbat ijiem wara l-prezentata tieghu billi t-talba giet michuda f'dak l-istadju.[4]

Fl-14 ta' Mejju 2010 il-konvenuta ipprezentat rikors fejn talbet li tigi awtorizzata tappella "*mid-digriet tad-9 ta' April, 2010, wara r-rikors taghha tas-17 ta' Frar, 2010, u fic-cirkostanzi li din il-Qorti ma varjatx id-Digriet tad-9 ta' April, 2010 anzi kkonfermatu b'Digriet iehor tas-27 ta' April, 2010, wara li l-konvenuta ghamlet rikors iehor nhar it-23 ta' April, 2010.*"[5] Dan ir-rikors gie degretat fl-udjenza tas-17 ta' Gunju, 2010 meta l-ewwel Qorti awtorizzat lill-konvenuta tappella mid-digriet indikat fir-rikors.

---

[1] Fol. 208 et seq.
[2] Fol. 328
[3] Fol. 330 et seq.
[4] Fol. 335
[5] Fol. 374 et seq.

Il-konvenuta pprezentat rikors ta’ appell fit-28 ta’ Gunju, 2010 fejn, fuq l-ewwel pagna, fil-parti l-aktar gholja, indikat b’ittri kbar li dan l-appell kien qed isir “**MINN DIGRIET TAL-QORTI CIVILI SEZZJONI FAMILJA TAT-TLIETA, 27 TA’ APRIL, 2010**” u fil-*preambolu* ghall-istess rikors, rega’ gie enfasizzat li “*Dana l-Appell qieghed jigi ntavolat minn Digriet li l-Appellanti konvenuta kienet inghatat nhar it-Tlieta, 27 ta’ April, 2010* (sottolinear tal-Qorti) *…..*” Aktar l-isfel fl-istess preambolu l-appellanti tkompli tghid “*Illi kien f’dan l-istadju* (cioe` wara c-cahda tat-talba ghall-modifika tad-digriet tad-9 ta’ April, 2010) *li tliet gimghat wara nhar il-Gimgha 14 ta’ Mejju, 2010 ir-rikorrenti appellanti/konvenuta talbet lill-ewwel Qorti biex tkun tista` tappella mid-digriet tas-27 ta’ April, 2010, b’riflessjoni fuq id-Digriet tal-Gimgha, 9 ta’ April, 2010*”. Dan premess fl-imsemmi rikors, kuntrarjament ghal dak li tnizzel fil-preambolu, l-appellanti talbet li din il-Qorti “*tirrevoka contrario imperio d-Digriet ….. moghti nhar id-9 ta’ April, 2010 …….. u tvarja dak id-digriet billi tiffissa retta alimentarja gusta …… liema cifra m’ghandhiex tkun anqas minn elf u hames mitt ewro fix-xahar pendenti lite…..*”

Il-kontro-parti resqet risposta ghal dan ir-rikors tal-appell fejn, in linea preliminari, eccepiet in-nullita` tal-appell. Din is-sentenza hija limitata ghal konsiderazzjoni u eventwali decizjoni ta’ din il-pregudizzjali billi l-mertu mhux qed jigi trattat u li, f’kaz li din l-eccezzjoni ma tigix akkolta, jigi kunsidrat fi stadju ulterjuri. Ghall-fini tal-ahjar intendiment tal-eccezzjoni sollevata mill-attur appellat huwa opportun li tigi riprodotta dik il-parti tar-risposta tal-attur li tikkoncerna din l-eccezzjoni. Hemm jinghad hekk:
“*a. In linea preliminari, l-appell interpost mill-appellanti konvenuta huwa null stante illi d-digriet tas-27 ta’ April, 2010 fejn giet michuda r-revoka tad-digriet precedenti tad-9 ta’ April, 2010* ***mhux appellabbli f’dan l-stadju tal-proceduri, u dan skond ma jipprovdi l-artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta****. L-imsemmi artikolu jipprovdi illi appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta’ digriet jista’ jsir biss* ***wara l-ghoti ta’ sentenza definittiva u flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza****, u dawn id-digrieti ma*

*<u>jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva.</u>*

"*b. Illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Mejju 2010 l-appellanti talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex 'tappella mid-digriet tad-9 ta' April, 2010, wara r-rikors taghha tas-17 ta' Frar 2010, u fic-cirkostanzi li din il-Qorti ma varjatx id-Digriet tad-9 ta' April, 2010 anzi kkonfermatu b'digriet iehor tas-27 ta' April, 2010 …' X'ghamlet ghalhekk l-appellanti intimata quddiem il-Qorti tal-Familja? L-appellanti talbet li tithalla tappella mil-ewwel digriet [tad-9 ta' April, 2010], billi kienet taf li t-tieni digriet [fejn incahdet ir-revoka tad-digriet tad-9 ta' April] mhux appellabbli jekk mhux wara s-sentenza finali. Illi l-ewwel Qorti, seduta stante, fis-17 ta' Gunju 2010 awtorizzat lill-appellanti biex tappella ghalhekk mid-digriet tad-9 ta' April 2010 kif mitlub minnha.*

"*c. Illi minflok l-appellanti appellat mid-digriet tad-9 ta' April 2010 kif awtorizzata, fir-rikors tal-appell taghha, b'ittri kbar, fuq nett tal-ewwel faccata, indikat illi dan l-appell qieghed isir "***MINN DIGRIET TAL-QORTI CIVILI SEZZJONI TAL-FAMILJA TAT-TLIETA 27 TA' APRIL 2010"** *liema digriet cahad talba ghar-revoka ta' digriet precedenti u kkonferma d-digriet tad-9 ta' April, 2010. illi kif diga' gie sottolineat hawn aktar 'l fuq, id-digriet tas-27 ta' April 2010* ***<u>mhux appellabbli f'dan l-istadju tal-proceduri, u dan skond ma jipprovdi l-artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>*** *Illi b'mod kontradittorju ghall-ahhar, tul ir-rikors tal-appell, l-appellanti, xorta wahda taghmel riferenza ghad-digriet tad-9 ta' April 2010 bhal donnha lanas hi stess ma taf minn liema digriet qeghda tappella.*

"*d. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi tali appell huwa fuori termine u dan stante li ma giex prezentat fiz-zmien stabbilit taht l-artikolu 229(6) u cioe` sitt ijiem mid-data li fiha l-ewwel Qorti awtorizzat lill-appellanti sabiex tipprocedi b'din il-procedura u cioe` fis-17 ta' Gunju 2010 u ghalhekk it-terminu skada fit-23 ta' Gunju 2010. L-appellanti intimata prezentat ir-rikors odjern fit-28 ta' Gunju 2010.*

"*e. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad illi kieku kellhom jintlaqghu t-talbiet tal-appellanti, din l-Onorabbli Qorti tkun qed tiftah bieb perikoluz fejn parti tibda taghzel li l-ewwel titlob ir-revoka ta' digriet, imbaghad jekk ma ggibhiex zewg, tressaq appell mid-digriet originali. Dan iwassal biex din il-Qorti tal-Appell tigi inondata minn appelli simili minn kull digriet ta' manteniment li jinghata mill-ewwel Qorti, u l-kawzi ta' separazzjoni jithallew numru ta' snin jistennew decizjonijiet dwar appelli mid-digrieti pendente lite li huma intizi biex jirregolaw il-hlas ta' manteniment, fost ohrajn, waqt li jkunu ghadhom qed jingabru l-provi quddiem l-ewwel Qorti.*

"*f. Illi huwa car li l-artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippermettix li dan isehh, u hu ghalhekk li appell minn digriet li jichad talba ghar-revoka/riforma ta' digriet jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza finali u flimkien ma appell minn dik is-sentenza, biex jigi evitat dan ix-xenarju. Kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talbiet tal-appellanti u dan wara li hi inghatat digriet li cahad ir-revoka/riforma ta' digriet, tinholoq anomalija legali li tkisser ir-raison d'etre wara l-artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 – u hija din l-anomalija li l-appellanti f'din il-kawza qed tipprova tohloq.*"

Jidher ghalhekk li l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell hija msejsa fuq zewg binarji:

a) Fl-ewwel lok qed jigi sollevat l-impediment kontemplat fl-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 li jipproibixxi appell minn digriet "*dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet*" hlief wara l-ghoti tas-sentenza finali u flimkien ma appell minn dik is-sentenza. L-istess sub artikolu izda jkompli jghid li dan l-impediment huwa "*bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu".* Wiehed ghalhekk irid jara xi tfisser din ir-rizerva.

b) Fit-tieni lok qed tigi eccepita n-nullita` tal-appell billi dan gie ntavolat "*fuori termine*" stante li kienu ghaddew aktar minn sitt ijiem minn meta d-digriet inqara fil-Qorti bil-

miftuh. Dan ir-rekwizit huwa kontemplat fis-subartikolu (6) tal-Artikolu 229.

**Ikkunsidrat:**

Kif rajna aktar il fuq il-konvenuta kienet intavolat rikors fis-17 ta’ Frar, 2010 sabiex tigi determinata r-retta alimentarja ghaliha u ghal ulieda. Dan ir-rikors gie degretat fid-9 ta’ April, 2010 kif fuq spejgat. il-konvenuta ma kinitx sodisfatta bl-ammont ta’ alimenti akkordat lilha u ghalhekk fit-23 ta’ April, 2010 pprezentat rikors iehor sabiex dik il-Qorti terga’ tikkonsidra u tvarja d-digriet taghha imsemmi. Jidher li dan ir-rikors sar a tenur ta’ dak li hemm provdut fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12. Dan it-tieni rikors gie michud u konsegwentement fl-14 ta’ Mejju 2010 il-konvenuta ressqet talba biex tigi awtorizzata tappella mid-digriet tad-9 ta’ April, 2010. Dan gie akkordat fis-17 ta’ Gunju 2010 u l-appell odjern intavolat fit-28 ta’ Gunju, 2010.

Minn qari akkurat tal-Artikolu 229 tal-Kap 12 wiehed jista` jnissel is-segwenti principji:
a) li hemm digrieti li tassattivament ma humiex appellabbli hlief wara s-sentenza finali u flimkien ma appell minn dik l-istess sentenza; [Art. 229(1)]

b) li hemm digrieti ohra li huma appellabbli qabel is-sentenza finali minghajr il-htiega ta’ awtorizzazzjoni tal-Qorti; [Art.229(2)]

c) finalment li hemm digrieti ohrajn, li la jaqghu taht l-umbrella tas-subartikolu (1) u lanqas s-subartikolu (2) hawn fuq imsemmija tal-Art. 229 u dawn huma appellabbli qabel is-sentenza finali kemm-il darba tinghata awtorizzazzjoni mill-Qorti li tkun qed tisma’ l-kaz. Din l-awtorizzazzjoni ghandha tinkiseb permezz ta’ rikors li jigi prezentat fi zmien ghaxart ijiem mill-jum minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh. [Art.229(3)].

Fil-kaz ta’ digrieti msemmija fis-subartikoli (2) u (3) tal-Art. 229, u ghalhekk eskluzi dawk id-digrieti imsemmija fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu, is-subartikolu (4) tal-

Artikolu 229 tal-Kap. 12 jikkontempla l-possibilita` li l-Qorti terga' tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. Talba simili ghandha ssir b'rikors li jigi pprezentat fi zmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-Qorti bil-miftuh.

Wiehed jinnota li filwaqt li l-ligi (subartikolu 3 tal-Art. 229) trid li talba ghall-permess specjali biex isir appell qabel is-sentenza definittiva minn digrieti mhux kontemplati fis-subartikoli (1) u (2) trid tigi intavolata fi zmien ghaxart ijiem mill-jum meta dak id-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh, fil-kaz ta' digrieti moghtija fuq talba biex digriet precedenti jerga' jigi kunsidrat mill-gdid mill-Qorti li tkun ippronunzjatu, ma jissemma ebda terminu. Dan jaghmel sens billi gialadarba dak id-digriet ikun qed jigi mistharreg mill-gdid ikun futili li l-ligi timponi terminu billi d-dritt li wiehed jitlob awtorizzazzjoni li jappella minn dak id-digriet originali jista' biss jibda jiddekorri mill-mument ta' provvediment li jinghata a tenur tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 229. B'dan kollu is-subartikolu (6) tal-Artikolu 229 jipprovdi li darba l-permess specjali biex jigi prezentat appell ikun inghata, it-terminu ghall-prezentata ta' dak l-appell huwa ta' sitt ijiem mid-data meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuh.

**Ikkunsidrat:**

Applikati dawn il-principjji ghal kaz in ezami din il-Qorti tosserva dan li gej:

a) Li l-mertu tar-rikors intavolat mill-konvenuta fis-17 ta' Frar 2010 ghad-determinazzjoni tar-retta alimentarja ma jaqa' taht ebda subinciz tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12, izda *se mai* jinkwadra f'digriet interlokutorju *iehor* kontemplat fis-subartikolu (3) tal-Art. 229.

b) Isegwi li l-parti aggravata bid-digriet tad-9 ta' April, 2010 li pprovda fuq it-talba kontenuta fir-rikors tas-17 ta' Frar, 2010, kellha dritt, kif fil-fatt ghamlet, li tuzufruwixxi ruhha mis-subartikolu (4) tal-Artikolu 229 u cioe` li titlob li l-ewwel Qorti terga tirrikonsidera d-decizjoni taghha.

c) Hekk kif it-talba biex terga' tigi kunsidrata d-decizjoni giet michuda il-parti aggravata kellha dritt li titlob lill-Qorti ta' Prim'Istanza, permess specjali biex tappella mid-digriet originali, kif fil-fatt ghamlet, u cioe` mid-digriet tad-9 ta' April, 2010. L-ewwel Qorti kkoncediet dan id-dritt billi anke fid-digriet ta' awtorizzazzjoni tirriferi specifikatament ghad-digriet li jissemma fir-rikors u cioe` dak tad-9 ta' April, 2010. Dan l-appell, ghalhekk mhux appell minn digriet kontemplat fis-subinciz (k) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 229, u cioe` mid-digriet tas-27 ta' April, 2010, izda, minkejja l-konfuzzjoni kollha li nsiebu fil-preamboli ghar-rikors hawn fuq citat, li wara kollox ma jikkostitwux rikors izda kliem zejjed li lanqas biss ghandu jigi permess, appell mid-digriet originali tad-9 ta' April, 2010 li huwa wiehed minn dawk id-digrieti kontemplati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 229 u kwindi appellabbli bil-permess specjali tal-Qorti kif jipprovdi l-istess subartikolu. Kif jipprovdi s-subartikolu 6 tal-Art. 229 kull appell awtorizzat kellu jigi prezentat fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet ta' awtorizzazzjoni nqara fil-Qorti bil-miftuh.

Illi in vista` ta' dak li jinghad hawn fuq jidher li l-eccezzjoni ta' nullita` bazata fuq l-Artikolu 229(1)(k) mhux gustifikata u ghalhekk qed tigi michuda. Izda jidher li l-eccezzjoni ta' nullita` hija sostnuta mill-fatt li l-appellanti naqset li tintavola l-appell taghha fi zmien sitt ijiem mid-data tad-digriet li awtorizza dak l-appell, f'dan il-kaz l-appell ghandu jigi dikjarat irritu u null. Infatti jirrizulta li d-digriet tal-permess specjali biex jigi intavolat appell mill-konvenuta appellanti nghata fis-17 ta' Gunju, 2010 filwaqt li l-appell odjern gie intavolat fit-28 ta' Gunju, 2010 u cioe` wara li kien skada t-terminu ghall-prezentata tar-rikors ta' appell. Ghal din ir-raguni qed tinlaqa' t-tieni raguni ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-appell tal-konvenuta li konsegwentement ser jigi dikjarat irritu u null billi sar "*fuori termine*".

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi dikjarat irritu u null stante li gie prezentat tardivament u konsegwentement l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------